A.L. 74 ta' l-2008

ATT DWAR L-EKO-KONTRIBUZZJONI (KAP. 473)

Regolamenti ta' l-2008 dwar il-Faċilità Approvata għall-Irkupru ta' l-Iskart fil-Ħlas ta' l-Eko-Kontribuzzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 12 u 13 ta' l-Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni (Kap. 473), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, bi qbil mal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, bidu fis-seħħ u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r- Regolamenti ta' l-2008 dwar il-Faċilità Approvata għall-Irkupru ta' l-Iskart fil-ħlas ta' l-Eko-Kontribuzzjoni.

(2) Dawn ir-regolamenti jipprovdu miżuri, proċeduri u gwida addizzjonali għall-Att, sabiex jirregolaw l-eżenzjonijiet ta' l-eko-kontribuzzjoni mħallsa mill-produtturi li jieħdu sehem fl-irkupru ta' l-iskart permezz ta' skemi approvati.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"faċilità Approvata għall-Irkupru ta' l-Iskart" tfisser faċilità approvata skond ir-Regolamenti ta' l-2008 dwar skema għall-irkupru ta' l-iskart;

"skema" jew "skema għall-irkupru ta' l-iskart" tfisser sistema li permezz tagħha produttur jista' juri l-irkupru ta' l-iskart tal-prodotti li jqiegħed fis-suq;

"skema approvata għall-irkupru ta' l-iskart" tfisser skema jew skemi għall-irkupru ta' l-iskart approvata mill-Ministru u li tkun qed topera fil-perjodu li għalih tkun qed tirreferi l-applikazzjoni ta' l-eżenzjoni u miksuba taħt dawn ir-regolamenti.

Eżenzjoni mill-ħlas ta' l-eko-kontribuzzjoni.

3. Produttur li jipparteċipa fi skema approvata għall-irkupru ta' l-iskart għall-prodotti li dwarhom għandha titħallas l-eko-kontribuzzjoni huwa eżentat, skond il-provvedimenti ta' dawn ir-regolamenti, milli jħallas l-eko-kontribuzzjoni fuq il-prodotti li l-produttur jindika li l-

iskart iġġenerat mill-produzzjoni tagħhom ikun irkuprat permezz ta' l-iskema approvata.

Telf ta' l-eżenzjoni.

4. (1) Għandha tingħata eżenzjoni mill-ħlas ta' l-eko-kontribuzzjoni fuq il-prodotti li l-iskart tagħhom ikun irkuprat permezz ta' l-iskema approvata lill-produttur li jipprova, fil-fehma tal-Ministru, li hu jkun ipparteċipa fi skema approvata fil-bidu tas-sena kalendarja u jkompli jipparteċipa f'dik l-iskema matul is-sena kalendarja kollha.

(2) Meta produttur li jkun kiseb eżenzjoni mill-ħlas ta' l-eko kontribuzzjoni ma jibqax jipparteċipa fl-iskema approvata li jkun applika għaliha matul dik is-sena, l-eżenzjoni mogħtija tintilef u l-produttur għandu jħallas l-eko-kontribuzzjoni dovuta fin-nuqqas ta' l-eżenzjoni, flimkien ma' l-imgħax dovut:

Iżda meta produttur jieqaf milli jipparteċipa fi skema approvata u jkun ipparteċipa fl-iskema msemmija għall-perjodu kontinwu ta' mhux anqas minn sitt xhur f'sena kalendarja ma jitlifx il-benefiċċju ta' l-eżenzjoni għas-sena kalendarja relevanti.

(3) L-ammont ta' mgħax dovut għandu jkun ikkalkulat fuq l-ammont ta' eko-kontribuzzjoni li tkun dovuta f'każ fejn m'hemmx eżenzjoni u jibda jingħadd mid-data ta' meta dik il-kontribuzzjoni ssir dovuta bir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena.

Skema Approvata.

5. (1) L-applikazzjoni mal-Ministru għall-approvazzjoni ta' skema ta' rkupru ta' l-iskart tista' ssir biss minn produttur jew produtturi li huma parti minn dik l-iskema:

Iżda fejn aktar minn produttur wieħed ifittex l-approvazzjoni ta' skema partikolari, l-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' dik l-iskema għandha ssir konġunta.

(2) L-applikazzjoni għall-approvazzjoni għandha ssir fuq il-formola preskritta u għandha ssir flimkien ma' deskrizzjoni tad-dettalji tat-tħaddim ta' l-iskema; mal-faċilità jew faċilitajiet Approvati għall-Irkupru ta' l-Iskart fejn fihom l-iskema tobbliga lill-parteċipanti jieħdu l-iskart li jirriżulta mill-prodotti li jitqiegħdu fis-suq; u l-metodi tal-monitoraġġ u l-infurzar ta' dik l-obbligazzjoni.

(3) Il-Ministru għandu jipproċessa applikazzjoni valida għall-approvazzjoni ta' skema fi żmien tliet xhur minn meta tkun ġiet ippreżentata u għandu wkoll jiddetermina d-data ta' meta jkun beda l-perjodu ta' eżenzjoni.

(4) Meta applikazzjoni tkun approvata skond dawn ir-regolamenti, il-Ministru jista' jitlob lill-applikant jew applikanti jagħtu aktar dettalji dwar l-informazzjoni provduta fl-applikazzjoni marbuta

ma' l-iskema li tagħha tkun qegħda tinkiseb l-approvazzjoni skond dawn ir-regolamenti.

Applikazzjoni għall-eżenzjoni.

6. (1) Applikazzjoni mal-Ministru għall-eżenzjoni mill-eko-kontribuzzjoni tista' ssir biss minn produttur li jipparteċipa fi skema approvata.

(2) Applikazzjoni għall-eżenzjoni għandha ssir fuq il-formola preskritta flimkien ma' dikkjarazzjoni magħmula minn skema approvata li tikkonferma l-parteċipazzjoni tal-produttur li jkun qed japplika fl-iskema approvata, kif ukoll il-prodotti li jkunu ser jitqiegħdu fis-suq waqt il-perjodu tas-sena kalendarja li għalih tapplika l-eżenzjoni u dawk il-prodotti u l-iskart tagħhom li ser ikunu soġġetti għall-iskema.

(3) Applikazzjoni għall-eżenzjoni għandha ssir sa mhux aktar tard minn tletin jum mid-data ta' meta tkun bdiet il-parteċipazzjoni fi skema approvata u dwar dik l-eko-kontribuzzjoni li ssir dovuta waqt dik is-sena jew is-sena li jkun imiss fuq prodotti li jkunu tqiegħdu fis-suq tul dik is-sena jew is-sena li jkun imiss u li l-iskart tal-prodotti jkun rkuprat permezz tal-parteċipazzjoni tal-produttur applikant fi skema approvata.

(4) Il-Ministru għandu jipproċessa applikazzjoni valida għall-eżenzjoni fi żmien tliet xhur minn meta din tkun ġiet ippreżentata.

(5) Meta applikazzjoni għall-eżenzjoni tkun ipproċessata skond dawn ir-regolamenti, il-Ministru jista' jitlob lill-produttur jagħti aktar dettalji dwar l-informazzjoni provduta fl-applikazzjoni relatata mal-prodotti li jitqiegħdu fis-suq u li jkunu rkuprati permezz tal-parteċipazzjoni fl-iskema approvata.

Records u dokumenti.

7. Produttur li jkun kiseb eżenzjoni mill-ħlas ta' l-eko-kontribuzzjoni għall-prodotti kollha li dwarhom tkun ingħatat l-eżenzjoni għandu:

(a) iżomm dettalji taċ-ċaqliq tal-prodotti;

(b) jagħti l-kunsens tiegħu u jżomm ma' kull talba biex isir monitoraġġ u iċċekkjar u jipprovdi għall-ispezzjoni dawn id-dettalji u dokumenti oħrajn marbuta ma' l-irkupru ta' l-iskart ta' dawn il-prodotti; u

(ċ) jiżgura li jżomm mal-ħtiġijiet kollha ta' l-Att u r-regolamenti u mat-talbiet kollha magħmula mill-Ministru.

Applikazzjoni skorretta għall-eżenzjoni.

8. (1) Meta applikazzjoni għall-eżenzjoni jkun fiha informazzjoni falza jew skorretta, u l-produttur applikant ma jikkoreġix din l-applikazzjoni skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti,

l-applikant produttur jista' jeħel penali amministrattiva sa' l-ammont ta' l-eko-kontribuzzjoni li tkun dovuta fil-każ fejn eżenzjoni bħal dik ma tkunx miksuba:

Iżda fejn dik il-kontribuzzjoni ma' tkunx tammonta għal mitejn u tlieta u tletin euro (€ 233), il-penali amministrattiva għandha tkun ta' mitejn u tlieta u tletin euro (€ 233).

(2) Produttur li jkun għamel xi forma ta' dikjarazzjoni skorretta f'applikazzjoni għall-eżenzjoni jista' jikkoreġi din id-dikjarazzjoni billi jieħu dikjarazzjoni korretta sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem minn meta l-applikazzjoni li jkun fiha dikjarazzjonijiet skorretti tkun ġiet mogħtija lill-Ministru, fejn fiha jindika b'mod ċar li l-applikazzjoni aġġustata qegħda tieħu post dik li tkun ġiet ippreżentata qabel:

Iżda meta produttur jikkoreġi formola ta' l-applikazzjoni, huwa xorta jista' jeħel penali amministrattiva ta' mitejn u tlieta u tletin euro (€ 233).

Dikjarazzjonijiet frawdolenti.

9. (1) Meta eżenzjoni tkun ġiet miksuba b'mod frawdolenti jew b'xi mod irregolari ieħor, għandha tidħol fis-seħħ il-penali amministrattiva ekwivalenti għal għoxrin fil-mija ta' l-ammont li jkun ġie skorrettement eżentat, flimkien ma' l-imgħax dovuti bir-rata ta' wieħed fil-mija fix-xahar, jew parti minnu, liema mgħax jibda għaddej mid-data tal-pagament ta' l-ammont eżentat skorrettement sad-data ta' meta dak l-ammont, flimkien mal-penali amministrattiva u kull mgħax dovut jkunu tħallsu lill-Ministru:

Iżda meta l-ammont tal-penali amministrattiva u l-imgħax dovut jittieħdu flimkien dawn m'għandhomx jkunu jeċċedu l-ammont miksub b'mod frawdolenti jew b'xi mod ieħor irregolari.

(2) Meta eżenzjoni tkun inkisbet b'mod frawdolenti jew b'xi mod ieħor irregolari, il-Ministru għandu jipproċedi mal-ewwel sabiex jiġbor l-ammonti skorrettement eżentati u l-penali u kull mgħax impost.

(3) Meta l-penali amministrattiva tkun ġiet imposta u l-imgħax dovut ma jkunux tħallsu, il-Ministru għandu jissosspendi kull eżenzjoni oħra lill-produttur sakemm ikunu tħallsu dawn l-ammonti.

Penali amministrattivi.

10. Kull ammont ta' penali amministrattivi li għandhom jingħataw mill-produttur taħt dawn ir-regolamenti m'għandux ikun jeżenta lill-produttur milli jħallas penali ogħla, jew aktar penali, li jistgħu jkunu dovuti skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att jew tar-regolamenti maħruġa skond l-Att.

Infurzar.

11. Id-disposizzjonijiet tat-Taqsimiet VI u VII ta' l-Att għandhom japplikaw għall-penali amministrattivi imposti skond dawn ir-regolamenti u kull referenza għall-"awtorità" jew "Awtorità Kompetenti" għandha tiftiehem bħala referenza għall-"Ministru".